## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2021 – TestBioTech vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża T-606/21)**

(2021/C 471/75)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* TestBioTech eV (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Smith, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-8 ta' Lulju 2021 li tirrifjuta li tirrevoka jew li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/66 [1] tal-konvenuta li permezz tagħha Monsanto Europe SA ġiet awtorizzata, taħt ir-Regolament GM [2], tikkummerċjalizza fl-Unjoni sojja modifikata ġenetikament MON 87751 × MON 87701 × MON 87708 × MON 89788 u s-subkombinazzjonijiet tagħhom;

— tordna kwalunkwe miżura meqjusa xierqa, u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-konvenuta meta ma qisitx jew qieset b'mod insuffiċjenti l-impatt potenzjali fuq l-espressjoni ġenika tal-istivar tal-ġeni flimkien mal-applikazzjonijiet tal-erbiċida u/jew billi ma talbitx evalwazzjoni adegwata taħt il-kundizzjonijiet reali tal-applikazzjoni repetuta u/jew applikazzjoni estiża taż-żewġ erbiċidi li għalihom is-sojja modifikata tippreżenta tolleranza.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-konvenuta billi ma qisitx jew qieset b'mod insuffiċjenti l-potenzjal ta' tossiċità, ta' immunoġeniċità u/jew ta' allerġeniċità tas-sojja modifikata li jirriżulta mill-effetti sinerġistiċi bejn il-proteini li huma intiżi li jiġu espressi permezz tal-modifika, tal-inibitur tal-proteażi preżenti b'mod naturali fis-sojja u tal-espożizzjoni għall-erbiċida u/jew għar-residwi ta' erbiċida fil-ħsad u/jew billi ma talbitx li jsiru testijiet bħala għalf għall-annimali tal-istivar.

---

(1) ĠU 2021, L 26, p. 44.

(2) Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2021 – Automobiles Citroën vs EUIPO – Polestar (rappreżentazzjoni ta' żewġ chevrons maqluba)

**(Kawża T-608/21)**

(2021/C 471/76)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Automobiles Citroën (Poissy, Fanza) (rappreżentant: C. Weyl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Polestar Holding AB (Götenborg, l-Isvezja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni (rappreżentazzjoni ta’ żewġ chevrons maqluba) – trade mark tal-Unjoni Nru 16 898 173

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ nullità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta’ Lulju 2021 fil-Każ R 505/2020-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Settembru 2021 – Privatbrauerei Eichbaum vs EUIPO – Anchor Brewing Company (STEAM)

**(Kawża T-609/21)**

(2021/C 471/77)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Privatbrauerei Eichbaum GmbH & Co. KG (Mannheim, il-Germanja) (rappreżentanti: M. Schmidhuber u E. Levenson, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Anchor Brewing Company LLC (San Francisco, California, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “STEAM” – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 435 375

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta’ Lulju 2021 fil-Każ R 780/2020-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ċaħdet l-appell kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni fir-rigward tal-prodotti “birra, birra alkoħolika” li jaqgħu fil-Klassi 32 u;